# Id-Devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu tal-Abbandunati



## *Valenzja, il-Wardija u Ħaż-Żebbuġ*

**Kitba ta' Carmel Scicluna Bonnici**

Ġo Ħaż-Żebbuġ biswit il-palazz tal-Baruni Azzopardi hemm kappella ħelwa ddedikata lill-Madonna taħt dan it-titlu li fil-fatt hija propjetà tal-familja tal-istess baruni. Qabel ma nitkellmu dwar din il-knisja naraw kif bdiet id-devozzjoni antika lejn il-Madonna tal-Abbandunati.

Dan it-tagħrif fil-qosor ta' kif nibtet id-devozzjoni lejn il-Beata Verġni Marija taħt it-titlu "Omm l-Abbandunat" ġie kkupjat mill-oriġinal mill-Kan. Dr. Don Ludovico Mifsud Tommasi (bit-Taljan u hawn miġjub bil-Malti) u jinsab miktub f'inkwadru imdendel fis-sagristija tal-kappella tal-Abbandunati f'Ħaż-Żebbuġ.

"Il-Venerabbli Reliġjuż Goffredo Gilabert waqt li kien qed jippriedka ġo Valenzja fir-raba' Ħadd tar-randan tas-sena 1409, imnebbaħ mis-sema ppropona lill-poplu devot biex jibnu kappella f'ġieħ il-Verġni Marija taħt it-titlu ta' "Omm il-Fqar Abbandunati" u ħdejha jibnu sptar biex jilqa' lil dawn il-fqar. Iż-żelu u l-fervur tiegħu kienu tant qawwija li ġiegħel lil dan il-poplu jibda malajr dan ix-xogħol li ntemm fi ftit żmien.

Issejjaħ l-aqwa pittur biex ipinġi l-kwadru bix-xbiha tal-Verġni Marija bħala Omm ħanina tal-Fqar Abbandunati. Iżda x'ġara? Minkejja l-kapaċità kbira li kellu dan il-pittur, wara li għamel abbozz tal-kwadru, f'daqqa waħda ħass li kien qed jonqoslu l-kuraġġ, ħalla jaqgħulu minn idejh il-pniezel, telaq il-kuluri u stqarr li ma kienx jaf u lanqas setgħa jesprimi l-kobor ta' dan il-misteru. Kien għalxejn li ssejħu l-pitturi kollha ta' Valenzja u ta' Spanja biex ikomplu din il-biċċa xogħol. Kulħadd stqarr li ma kinux biżżejjed l-arti u l-kapaċità umana. Hekk ma setgħetx isseħħ ix-xewqa tal-poplu u għalhekk se jibqa' mċaħħad minn dak li xtaq ? Iżda le ! L-għajnuna ta' Marija ma tistax tonqos u għalhekk riedet turi l-qawwa tagħha permezz tal-prodiġju waħdieni, biex turi toroq aħjar ta' mħabba u devozzjoni tal-fidili u tikkonferma dejjem aktar li hi l-Omm Ħanina ta' l-Abbandunati.

Żewġ anġli dehru taħt sura ta' pellegrini li b'kapaċità kbira komplew dik l-opra, waqt li b'kuluri vivaċi esprimew ix-xbieha tar-Reġina tagħhom kollha ħlewwa, dehru flimkien il-majestà u s-sbuħija sopranaturali tar-Reġina tas-sema u tal-art. Dan il-prodiġju ġibed ħafna devoti minn artijiet l-aktar imbiegħda li kienu jiġu jagħtu ġieħ u jitolbu l-grazzji li din l-Omm ħanina bdiet ixxerred b'abbundanza kbira. Tant kibret id-devozzjoni li f'dak is-Santwarju twaqqfet kongregazzjoni mżejna b'mod speċjali bi privileġġi mogħtija mill-papiet u r-rejiet ta' Spanja.

Ferdinandu I ta' Aragona ħa għalih it-titlu ta' rettur u protettur u ħalla dan it-titlu anke lil ta' warajh. Alfonso V ta s-setgħa li jinġabu flus mill-partijiet kollha tas-saltna tiegħu. Ir-Reġina Donna Maria riedet li l-membri tal-Kongregazzjoni tal-"Omm tal-Abbandunati" jassistu u jidfnu l-ġustizzjati. Ġiovanni II ordna li l-prostituti libsin il-velu jissieħbu mal-membri ta' din il-kongregazzjoni biex il-biża' tal-mewt iqajjem dispjaċir għall-ħażen li jkunu wettqu

u b'hekk iħallu l-ħajja ħażina tagħhom. Ferdinandu II "il-Kattoliku" ta l-privileġġ li setgħu jakkwistaw beni biex id-dħul tagħhom imur għas-suffraġju tal-erwieħ ġustizzjati, li aktarx ikunu intesew u ġew abbandunati."L-Imperatur Karlu V tagħhom permess li jinvestu flus biex bl-imgħaxijiet kull sena jkunu jistgħu jagħtu d-dota lil għaxar tfajliet orfni. Filippu II, III, IV, V u Karlu II bid-digrieti tagħhom ikkonfermaw il-privileġġi li semmejna qabel. Ma konna nispiċċaw qatt kienu kellna nsemmu il-grazzji, l-indulġenzi u l-privileġġi li taw il-papiet lil kull min jagħti ġieħ lix-xbiha mirakoluża tal-Omm tal-Abbandunati.

Kopja tal-oriġinal b'xorti tassew tajba tal-Maltin ħa ħsieb li jqiegħed f'dan is-Santwarju ddedikat lill-istess Madonna fl-1751, il-benemeritu benefattur, il-Wisq Reverendu DV Dun MikielAngelo dei baroni Azzopardi, li l-virtujiet tiegħu huma magħrufa sewwa, speċjalment f'din il-Belt Rohan (Ħaż-Żebbuġ), li ġarrbet it-tjieba kbira tiegħu li ma tintesa qatt.

Xejn inqas mirakoluża mill-oriġinal meqjuma ġo Valenzja, hi l-kopja li tinsab meqjuma f'dan is-Santwarju. Huma bla għadd il-grazzji maqlugħa mid-devoti li lejha jirrikorru. Fost dawn, jista' jixhed il-kittieb ta' dan it-tagħrif, għax hu stess, fl-aktar diffikultajiet tiegħu, wera fiduċja fl-Omm tal-Abbandunati li lejha rrikorra u lilha sejjaħ fil-jum tal-festa tagħha fis-sena 18__*, waqt li kienet qed tiġi ċċelebrata l-festa glorjuża u jintiseġ it-tifħir minn fuq il-pulptu, minkejja li ma kienx hemm tama, permezz ta' miraklu ġie malajr imfarraġ u għalhekk biex jixhed il-gratitudni tiegħu lejn il-benefattriċi insinji tiegħu, mar f'dan it-tempju joffri lil Alla l-Ostja li l-aktar togħoġbu, b'ringrazzjament u biex ixandar bil-kbir l-għeġubijiet ta' l-Omm kbira ta' Alla, Omm l-aktar ħanina ta' l-imsejkna Abbandunati."

Din il-kitba fil-qosor tinsab imwaħħla fis-sagristija tal-Knisja Veneranda tal-Madonna ta' l-Abbandunati, wara l-permess bil-kelma tal-Monsinjur Vigarju Ġenerali, il-Kan. DV Dun Goffredo Xerri.

Illum 4 ta' April 1883
Il-Baruni Azzopardi
Padrun

** Nota: Dan hu kif tidher din id-data li mhix miktuba sħiħa fil-kitba bl-id bit-Taljan li hemm f'inkwadru fis-sagristija tal-kappella ta' Ħaż-Żebbuġ.*

## Il-Festa tal-Verġni tal-Abbandunati Patruna ta' Valenzja

Fit-tieni Ħadd ta' Mejju ssir il-festa tal-Verġni tal-Abbandunati, patruna tal-Belt ta' Valenzja fi Spanja. Il-Valenzjani għandhom devozzjoni kbira lejn din il-Verġni Mqaddsa li lilha jsejħu b'imħabba *La Geperudeta* minħabba fil-qagħda kemmxejn immejla li għandha biex tkun xbiha tħares 'l isfel. L-istatwa li fis-sew tintuża fil-purċissjoni hija vara tal-1945, maħduma minn Carmelo Vicent u magħrufa fost il-poplu bħala *La Peregrina*.

Lejlet il-festa, bil-lejl, isir kunċert f'Misraħ il-Verġni, mill-Banda Muniċipali ta' Valenzja. Imbagħad isir ħruq tan-nar qrib ix-xmara Turia u wara ssir iż-żifna, li hija fdal miż-żifna tal-poplu tal-post, n-*Nit d'Albaes* (l-iljieli ta' *Albaes* ) għana tradizzjonali u fl-aħħar għall-ħamsa ta' l-għada filgħodu ssir il-quddiesa tas-sebħ. Fit-tmienja ta' filgħodu ssir il-quddiesa solenni tat-tfal iċċelebrata mill-arċisqof bl-akkumpanjament tal-orkestra muniċipali u korijiet tal-belt.

Fl-10.30 *El Traslado* – it-translazjoni li fiha x-xbiha magħrufa bħala *Peregrina* tinġarr mis-*seguidores* (is-segwaċi) mill-Bażilika għall-Kattidral minfejn aktar tard toħroġ il-purċissjoni. Għal din it-translazjoni jattendu ejuf kbar ta' nies li biċ-ċapċip, bil-kant, bl-għajjat ta' ferħ u invokazzjonijiet



devoti jfaħħru u jirringrazzjaw lill-Madonna tal-Abbandunati. Il-vara merfugħa fil-għoli toħroġ mill-bieb tal-ħadid u tgħaddi mingħand wieħed għal għand ieħor sakemm tidħol fil-kattidral fuq l-ispallejn.

Imbagħad fis-sagħtejn ta' wara nofs inhar, issir il-*mascleta* jiġifieri speċi ta' musketterija li ddum sejra tmien minuti u tintemm bi spluzjonijiet qawwijja. Fil-għaxija l-purċissjoni devota u serja li fiha l-Verġni Mqaddsa tittieħed mit-toroq taċ-ċentru storiku tal-belt li fihom jinxteħtu eluf ta' fjuri.

F'dan il-ħin, f'Misraħ ir-Reġina jkun hemm suq tradizzjonali ta' oġġetti taċ-ċeramika u taċ-ċaqquf magħruf bħala l-*escuraeta*.

***Nota:*** *Ħafna mill-kliem fil-korsiv huwa bil-Katalan, l-ilsien mitkellem f'Valenzja u fil-bqija tal-Katalunja, li dari kienet taħt il-kuruna ta' Aragona bħalma kienet Malta qabel ġew il-Kavallieri. Il-Gran Mastru Perellos li ismu huwa marbut mal-Knisja ta' l-Abbandunati ta' Ħaż-Żebbuġ kien Araguniż u jitkellem bil-Katalan.*

## Talba lil Omm Alla ta' l-Abbandunati
- Mare de Deu dels Desamparats

*(li tingħad fil-festa tagħha li ssir fit-tieni Ħadd ta' Mejju ta' kull sena ġo Valenzja).*

Agħtina kenn, Sidtna u Ommna.
Agħti kenn lill-familji tagħna, lill-poplu tagħna, lil Spanja tagħna, lid-dinja kollha tagħna.
Biegħed minna l-gwerer u n-nuqqas ta' ftehim.
Lill-qlub mifruda għaqqadhom fil-ferħ li jħossuhom magħqudin miegħek, bħala wliedek.
Agħti l-ħobż lil kullħadd, kenn u fuklar ta' mħabba.
Agħti fejqan lill-morda, sabar fin-niket lil min qed ibati, faraġ lill-imnikktin, tama lil dawk li tilfuha.
Ħares lill-imħuħ mill-għelt u lill-qlub mid-dgħufija.
Għin lill-midinbin jerġgħu lura u lit-tajbin ħajjarhom aktar għas-sewwa.
Ġegħilna ngħixu ngħannu lilek ħalli niġu, b'ismek fuq xofftejna, narawk fil-glorja flimkien ma' ibnek Ġesu Kristu, li fil-Missier u l-Ispirtu s-Santu jgħix u jsaltan Alla fis-sekli tas-sekli. Amen.

## Il-Gran Mastru Ramon Perellos u l-Kappella tal-Wardija

Il-Balliju Perellos kien Spanjol, tal-lingwa Aragoniża. Ta' spiss fil-ħin tal-mistrieħ tiegħu kien iħobb jitla sal-ġnien tal-Wardija għand il-ħabib tiegħu il-Vigarju Ġenerali Tolessanti. Fl-4 ta' Frar 1697 miet il-Gran Mastru Alof de Wignacourt u l-kunsill tal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann Ħatar bħala Gran Mastru lill-Kavallier Ramon Perellos y Rocaful. Dan kien ħabrieki fix-xogħol u ġie milqugħ tajjeb minn kulħadd. Fost l-ewwel affarijiet li għamel kien ordna tlett bastimenti tal-gwerra għad-difiża minn xi attakki mit-Torok. Dawn issemmew Santa Katerina, San Ġakbu u San Ġwann il-

Battista, u ieħor li ħallas għalih minn flusu u li semmieh għall-qaddis tiegħu San Rajmundu. Kompla l-fortifikazzjonijiet tal-Kottonera, ordna ħmistax il- arazzi mill-Belġju li ġew iddisinjati minn Pietru Pawl Rubens u li llum qegħdin fil-Palazz tal-President tar-Repubblika fil-Belt Valletta. Fit-telgħa tal-Furjana bena żewġ mini, però llum fl-istess post hemm waħda mibnija mill-Ingliżi.

Perellos kien xtara il-lok imsejjaħ l-Għolja tas-Sultan, post li minnu ġġib taħtek San Pawl il-Baħar u l-Pwales. Fil-viċin kien hemm kappella antika mġarrfa. Huwa bniha mill-ġdid u bena wkoll palazz bħala residenza tiegħu. Bħala Spanjol, anzi Aragoniż mill-belt ta' Valenzja, kien wisq devot tal-Verġni Marija taħt it-titlu ta' "De les desampadaros" jiġifieri "L-Omm tal-Abbandunati". Għalhekk ma setgħax jonqos li jiddedika din il-kappella li bena mill-ġdid għall-Madonna taħt dan it-titlu. Tbierket fit-18 ta' April 1690 mill-Vigarju Ġenerali D. Antonio Manso. Il-kwadru titulari tpitter mill-artist Malti Stefano Erardi, l-istess wieħed li pitter il-kwadru tal-Madonna tal-Grazzji ta' Ħaż-Żabbar. Il-pjanta kienet turi li kellu jinbena sptar żgħir għall-foqra ħdejn din il-kappella.

Nhar it-13 ta' Ġunju tal-1798, fl-10.00 ta' filgħodu, xi suldati Franċiżi għamlu massakru kbir mill-kappella ta' l-Abbandunati tal-Wardija. Serqu kull ma sabu, ġojjelli u ħaġar prezzjuż u l-fided kollha. Ħarqu l-gwarniċ tas-Santwarju u l-pittura tal-Madonna ċarrtuha bix-xabla b'mod li ħanxru għonq il-Madonna u l-Bambin. Kissru kull ma kien baqa'. Dan l-iskandlu ġie ripetut fuq il-kappelli ta' Sant'Anna tal-Pwales u ta' San Franġisk f'Ħal-Qormi. F'Ħaż-Żebbuġ ma saritx ħsara mill-Franċiżi. Dan għaliex madwar elf u ħames mitt suldati ta' Ħaż-Żebbuġ iddefendew it-truf tar-raħal u ma ħallewx lill-Franċiżi jidħlu. Jissemma ukoll li l-familja Palmier li kienet toqgħod hawn u kellha kunjom Franċiż għamlet ikla lill-



***Xbiha mirakoluża tal-Madonna ta' l-Abbandunati meqjuma fil-Knisja żgħira 'tas-Sultan'; giuspatronat tal-Konti Manduca Piscopo Macedonia Zamit, fil-Wardija.***

uffiċjali Franċiżi u talbithom iħarsu lil Ħaż-Żebbuġ minn kull eċċess[1].

Aktar tard, il-Kavallier Malti Vinċenzo Bonello kien irrestawra l-ħsara li kienet saret fil-kappella tal-Wardija. Dan kien l-ikbar benefattur ta' din il-kappella fis-seklu dsatax. Imbagħad fil-bidu tas-seklu għoxrin il-kappella tal-Madonna tal-Abbandonati tal-Wardija saret ġustpatronat tal-benestant Konti Bernardino Manduca Piscopo Macedonia Zamitt li kien devot kbir tal-Madonna.

Dan kellu medda art kbira li kienet tasal sat-triq pubblika. Fl-1908 ħa ħsieb jirranġa il-passaġġi li jwasslu għall-kappella. Quddiem il-kappella għamel grotta tal-Madonna ta' Lourdes li d-devozzjoni lejha kienet għadha fil-bidu. Fl-1926 żied żewġ statwi tal-ġebel tal-Qalb ta' Ġesu, waħda fuq il-fontispizju u l-oħra mal-faċċata tal-knisja.

Twaħħlu żewġ antifissi bil-burdura u skultura u nbena kampnar żgħir bil-gallerija mad-dawra tiegħu, bħal tat-torri ta' l-arloġġ tal-Birgu. Dan il-kampnar għandu ħames qniepen u l-kbira fosthom, li swiet £4-20s, ingħatat l-isem "Les Desamparados". Fis-sena 1963 ġiet mibnija il-koppla u fl-1966 inbena kampnar ikbar mill-ieħor ta' qabel, saret l-induratura mal-pilastri ta' ġewwa li swiet £500, u l-pulptu tal-injam tal-ġews. Fil-knisja saret bħal speċi ta' kappella lil Santa Rita. Maġenb il-bieb prinċipali saru żewġ statwi, waħda ta' San Bernard u l-oħra ta' San Mikiel Arkanġlu, maħdumin minn Marco Montebello. Il-konessjonijiet kienu: l-qaddis li għalih kien imsemmi l-konti u l-qaddis tal-jum (29 ta' Settembru) li fih twieled il-konti. Il-patrijiet Agostinjani bdew jieħdu ħsieb il-festa li ssir fil-knisja ta' l-Abbandunati tal-Wardija. Il-festa ta' ġewwa ssir l-istess bħalma jsiru fil-parroċċi.

## Dr Dun Paskal Azzopardi u l-Knisja ta' l-Abbandunati f'Ħaż-Żebbuġ

Dan kien benefattur kbir tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. Hekk per eżempju fl-1752 huwa ħallas għall-arloġġ li sar fil-kampnar tax-xellug tal-knisja parrokkjali filwaqt li l-knisja ħallset biss 95 skud biex saret il-kamra għall-magna ta' dan l-arloġġ.[2] Huwa għen



lis-Sodalità tal-qassisin meta fl-1762, fl-atti tan-nutar Injazju Saverju Bonavita, ħalla elf skud biex l-imgħax tagħhom imorru għas-sussidju tal-qassisin morda u batuti [3]. Fl-1765 huwa ħallas 285 skudi mill-ispejjes tax-xogħol fl-injam tas-sagristija, waqt li ħuh it-tabib Gaetano Azzopardi ħallas 440 skud u l-knisja ħarġet il-bqija ( kważi 90 skud). Għal din ir-raġuni fl-istess sagristija hemm ix-xbieha mpittra ta' dawn iż-żewġt aħwa.

Fl-1758 Dun Paskal bena minn flusu il-kappella ħelwa tal-Madonna tal-Abbandunati li wara spiċċat f'idejn il-familja tal-Baruni Manduca Azzopardi. Minn ġewwa l-kappella fiha ħafna skultura minquxa fil-ġebla li għadha oriġinali. Il-pittura titulari hija imitazzjoni (iżda mhux għal kollox) ta' dik li hemm ġewwa Valenzja fi Spanja li hu meqjus bħala mpitter minn id l-anġli [4].

Ta' min jinnota illi t-titlu tal-abbandunati oriġinarjament jirreferi għal dawk fil-bżonn għax m'għandhomx mezzi biżżejjed għall-ħajja ta' kuljum għax foqra jew morda. Għalhekk kemm f'Valenzja u kemm fil-Wardija l-Madonna hija mdawwra minn dawn il-foqra. Iżda fil-kappella ta' Ħaż-Żebbuġ daħlet tifsira ġdida u l-abbandunati saru l-erwieħ tal-purgatorju li allura ma jistgħux jgħinu ruħhom u ġew minsija fit-talb.

Dun Salv Ciappara [5] jgħidilna hekk dwar din il-kappella fis-seklu dsatax: "L-altar mibni kollu bl-irħam huwa privileġġjat. Għandha sagristija tassew sabiħa li fiha tinsab il-pittura tal-fundatur. Il-knisja għandha damask tal-ħarir u bosta tiżjin sagru, żewġ lampieri tal-fidda, pissidi, kalċi, ostensorju, satla u l-bqija .... Għandha mbagħad tliet qniepen sbieħ u akkordati għall-aħħar. Barra mill-festa ewlenija għadha ssir fiha l-festa ta' San Innoċenz Martri, li t-translazzjoni tiegħu saret, kif jgħid Ciantar, fil-31 ta' Ottubru 1773. Issiru wkoll il-festi ta' l-Eżaltazzjoni, ta' Sant'Anna kif ukoll mill-1871, fid-19 ta' Marzu, l-festa ta' San Ġużepp, festa mdaħħla mit-twajjeb Sur Kalċidon Azzopardi meta



*L-artal tal-kappella tal-Madonna ta' l-Abbandunati f'Ħaż-Żebbuġ.*

Piju IX ddikjara lill-Patrijarka San Ġużepp Patrun tal-knisja universali. Il-Kwadru tal-qaddis huwa xogħol P. Salvu Micallef."

Fl-1773 saret festa meta tqiegħed l-għadam ta' Sant Innoċenzju (suldat Ruman martri) fil-kappella tal-Abbandunati[6]. Dan il-Corpo Santo jinsab f'niċċa apposta fuq l-artal tal-kappella. Minbarra l-għadam hemm ukoll sottocoppa bid-demm magħqud ta' dan il-qaddis.

L-orgni li huwa bil-manfaħ u sfafar inħadem l-Italja u jinsab f'gallarija ta' l-injam li tinsab fuq ġewwa eżatt fuq il-bieb prinċipali tal-kappella. Din il-gallarija x'aktarx li żdiedet xi żmien wara li nbniet il-kappella. Dan jidher mit-tiżjin tal-ġebel li hemm madwar il-bieb prinċipali. L-istess ħaġa tista' tingħad għall-kampnar u għal binja b'żewġ bibien żgħar li hemm tmiss mal-knisja fuq in-naħa tax-xellug, meta tkun tħares lejn il-faċċata minn barra. It-tieqa tal-faċċata tal-kappella ħdejn il-kampnar, il-kamra ta' taħt il-kampnar u ċ-ċinta kollha għandhom disinn differenti mill-kumplament tal-kappella. Ukoll parti mill-vinjola tal-lavur għolja żewġ filati, maħdum fil-ġebel illi hemm dawramejt man-naħa ta' barra tal-kappella fil-għoli, illum tiġi ma' wieħed mill-ħitan ta' kamra ta' fuq fil-binja li semmejna qabel u li tmiss mal-ġenb tal-knisja. Kif tidħol mill-ewwel wieħed minn dawn il-bibien issib garigor li jwasslek għal gallarija tal-orgni. It-tieni bieb jagħti għall-bitħa li warajha hemm dar żgħira li tinfed għas-sagristija u li kienet maħsuba għal min kien jieħu ħsieb il-knisja. Meta kont għadni żagħżugħ (illum ngħodd tmenin) kont nisma' xi anzjani jgħidu li jiftakru lil ċertu Dun Salv jabita f'din id-dar. Qabel ma saret din il-binja minflokha kien hemm passaġġ li jdur mal-kappella.

Anke fis-sagristija hemm xi jpaxxi l-għajn. Is-saqaf li fih forma ta' troll, huwa mpitter. Insibu ħawt tal-ġebel imdawwar



*Il-pittura fuq l-artal tal-Kappella tal-Madonna ta' l-Abbandunati f'Ħaż-Żebbuġ.*



*Il-Corposanto ta' Sant'Innoċenz li jinsab fuq l-altar tal-kappella tal-Madonna ta' l-Abbandunati f'Ħaż-Żebbuġ.*

b'xogħol sabiħ ta' lavur. Hemm ukoll struttura ta' l-injam wiesgħa xi tliet metri, fonda metru u għolja żewġ metri, li hi speċi ta' gradenza u fuqha bħal armadju, li flimkien jieħdu l-forma ta' altar ta' qabel il-Konċilju Vatikan II. Għad hemm ukoll il-pulptu żgħir.

Bħal diversi kappelli oħra f'Ħaż-Żebbuġ din il-kappella ta' l-Abbandunati ġiet mibnija iżolata mill-bini iżda maż-żmien ma baqgħetx hekk. Il-bieb prinċipali iħares bi dritt it-triq ta' quddiemha u għandha bieb ieħor fil-ġenb in-naħa tax-xellug. Quddiemha għandha zuntier sabiħ li jispiċċa f'taraġ baxx u wiesgħa. Qabel ma nbniet id-dar żgħira li diġà semmejna, il-ġenb tal-knisja kif ukoll taz-zuntier kien jiġi bi dritt il-ġenb tat-triq ta' quddiemha. Wara twessa' z-zuntier biex jasal sa quddiem iż-żewġ bibien iż-żgħar. Il-ġnub taz-zuntier huma magħluqa b'ċint baxx u sa madwar għoxrin sena ilu kien hemm ukoll bank tal-ġebel li tneħħa mill-Baruni Francis Manduca Azzopardi għax kien sar perikoluż minħabba l-vandaliżmu li sar fuqu. Fuq iz-zuntier għad hemm indikazzjoni ta' erba' konki li x'aktarx kien fihom siġar li jżejnu. Mal-faċċata tal-kappella hemm imnaqqxa graffiti li juru biċċiet tal-baħar.

Taħt il-pilastri ta' quddiem il-bieb prinċipali tal-kappella jidhru sewwa il-marki fejn kienu jitwaħħlu pilastri tal-injam mal-faċċata u fuqhom tintrama kurvatura fuq il-bieb prinċipali biex magħha jitwaħħlu tazzi taż-żejt ikkuluriti, fil-festa tal-Madonna ta' l-Abbandunati li kienet issir f'Lulju. Dawn it-tazzi taż-żejt kienu speċi ta' skutelli tal-ħġieġ ikkuluriti mimlija bl-ilma, iż-żejt f'wiċċ l-ilma, titpoġġa wkoll lumina ta' tlett pali u il-ftila titpoġġa f'nofshom iżda però ġewwa il-knisja kien jinxteghel dawl aktar qawwi bl-aċitelena – fil-ġnub ta' l-altar għadu jidher fuqhiex kienu jitpoġġew il-fanali ta' aċitelena. Fil-festa ma kienet issir l-ebda purċissjoni iżda biss solennità fil-kappella.

Fuq l-altar tal-kappella kienet tintrama sopraporta lewn id-deheb u magħha jiddendel pavaljun. Mal-pilastri kien jiddendel damask fin bid-disinn tad-deheb. L-artal kien jintrama bil-prima u s-sekonda, fjuretti, qoxra tal-messal u t-tliet karti tal-glorja kollha tal-fidda. Sal-bidu tas-snin ħamsin tas-seklu għoxrin niftakar lis-saċerdot Żebbuġi Dun Filippu Bonnici (ta' kalabardi) jiġi jqaddes fid-9.00am fil-ħdud u l-festi. Meta miet beda jiġi patri Dumnikan mill-iskola ta' San Albertu Magnum sakemm ma sarx iktar quddies.

Fi żmien ir-Randan, l-inkwadri ta' Sant Anna u San Ġużepp kienu jiġu mgħottija b'purtiera kaħla. Għall-ħabta tal-Ġimgha l-Kbira l-artal kien jintrama kollu bil-fjuri friski, iżda ma kienx jintrama sepulkru . Fix-xahar



***Niċċa tal-Kurċifiss fil-kappella tal-Madonna ta' l-Abbandunati f'Ħaż-Żebbuġ.***

ta' Ottubru fil-knisja kien jingħad ir-rużarju kull filgħaxija u tingħata l-barka sagramentali.

Fi żmien it-tieni gwerra dinjija ġol-kappella tal-Abbandunati kienu joqogħdu sitt familji refuġjati mill-Kottonera. Is-sena 1954 kienet sena Marjana. F'Awissu kien sar pellegrinaġġ bil-vara tal-Madonna tar-Rużarju mill-parroċċa għall-kappella tal-Abbandunati fejn kien inħareġ il-pulptu fuq iż-żuntier u saret priedka minn Dun Luret Callus li kien oratur tajjeb. Niftakar sewwa meta fis-sena 1962, il-Baruni Frans iben il-Baruni Ġużeppi Manduca Azzopardi, iżżewweġ f'din il-kappella f'nofs Ottubru. Kien inzertalhom maltemp kbir u lanqas kien hemm dawl. Kellha ssir il-funzjoni fid-dawl tax-xemgħa.

## Referenzi


1 Luret Vella, Storja ta' Ħaż-Żebbuġ, 69.
2 Ibid - 50.
3 ibid - 35.
4 ibid - 50.
5 Dun Salv Ciappara, Storia del Zebbug e sua Parrocchia, 103 (maqlub għall-Malti minn Frans Sammut).
6 Luret Vella, Storja ta' Ħaż-Żebbuġ, 55.